

Permezz tar-raba' u l-aħħar aggravju tagħha, l-appellant tindika żbalji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li għamlet il-Qorti Ġeneral bi ksur tal-kriterji għuridiċi rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ħolqien jew tat-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti u tan-natura adegwata tal-impenji fir-rigward tal-konstatazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-kontroll ta' konċentrattazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizioni Specjalibil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 31).

**Appell ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2010 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (Is-Sitt Awla) mogħtija fit-13 ta' Settembru 2010 fil-Kawża T-452/04, Éditions Jacob vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-553/10 P)**

(2011/C 46/07)

Lingwa tal-kawża: il-Françiż

### Partijiet

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet, O. Beynet u S. Noë, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Éditions Odile Jacob SAS, Wendel Investissement SA, Lagardère SCA

### Talbiet tal-appellant

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral, tat-13 ta' Settembru 2010, Editions Odile Jacob SAS vs Il-Kummissjoni T-452/04, sa fejn hija tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni D(2004) 203365, tat-30 ta' Lulju 2004, dwar l-approvazzjoni ta' Wendel Investissement bħala akkwirent tal-assi ċeduti skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/422/KE, tas-7 ta' Jannar 2004, li tiddikjara operazzjoni ta' konċentrattazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Każ COMP/M.2978 — Lagardère/Natexis/VUP) <sup>(1)</sup>;
- tiddeċiedi b'mod definitiv, jekk dan ikun il-każ, dwar il-kwistjonijiet li huma s-suġġett ta' dan l-appell u tiċċad ir-rikors għal annullament, u
- tikkundanna lir-rikorrenni [Éditions Jacob] għall-ispejjeż taż-żeġ istanzi.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellant tinvoka tliet aggravji insostenn tal-appell tagħha.

Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' liġi meta naqset milli teżamina l-konseguenzi tal-eventwali nuqqas ta' indipendenza tal-mandatarju fir-rigward ta' Editis dwar il-missjoni tagħha fir-rigward ta' Wendel. Skont l-appellant, fil-fatt, in-nuqqas ta' indipendenza ta' persuna responsabbli għall-evalwazzjoni ta' kandidat għandha effett legali biss jekk jiġi stabbilit li din il-persuna ħadet inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tagħha interassi oħra għajnej l-eż-ċizzju tajjeb tal-missjoni tagħha.

Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellant tilmenta li l-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' liġi u żnaturat il-fatti billi kkonkludiet li ir-rapport tal-mandatarju kelleu influenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni kkontestata, filwaqt li fir-realtà, anki jekk il-Kummissjoni għandha tieħu dan inkunsiderazzjoni, hija ma hijex marbuta bl-opinjoni tal-mandatarju u hija meħtieġa li tibqa' tmexxi l-investigazzjoni neċċessarja sabiex tivverifika li x-xerrej jissodisa l-kriterji ta' approvazzjoni.

Permezz tat-tielet aggravju tagħha, li jinkludi żewġ partijiet, il-Kummissjoni tallega, minn naħa, interpretazzjoni żbaljata tal-liġi fir-rigward tal-effiċċiāja tal-ewwel motiv imqajjem mir-rikorrenni dwar il-validità tad-deċiżjoni kkontestata u, min-naħħa l-oħra, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dan ir-rigward.

<sup>(1)</sup> ĠU L 125, p. 54.

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2010 minn Lagardère SCA mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (Is-Sitt Awla) mogħtija fit-13 ta' Settembru 2010 fil-Kawża T-452/04, Editions Jacob vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-554/10 P)**

(2011/C 46/08)

Lingwa tal-kawża: il-Françiż

### Partijiet

Appellant: Lagardère SCA (rappreżentanti: A. Winckler, F. de Bure u J.-B. Pinçon, avukati)

Partijiet l-oħra fil-kawża: Éditions Odile Jacob SAS, Il-Kummissjoni Ewropea, Wendel Investissement SA

### Talbiet tal-appellant

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral, tat-13 ta' Settembru 2010, fil-Kawża T-452/04, sa fejn din annullat d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-30 ta' Lulju 2004, dwar l-approvazzjoni ta' Wendel Investissement bħala akkwirent tal-assi ċeduti fil-kuntest tal-proċedura għall-kontroll ta' konċentrattazzjonijiet Nru COMP/M.2978 — Lagardère/Natexis/VUP;